SANTA LUĊIJA
MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Luċija**

**It-Tmien Leġislatura**
**Laqgħa Numru 09-20**

**24 ta' Frar 2020**

Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol Santa Luċija fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Charmaine St John – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku
Terrence Ellul - Kunsillier
Kylie D'Amato - Kunsillier
Liam Sciberras - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Ħadt

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Caroline Silvio – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Charmaine St John ippresjediet il-laqgħa.

**9.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji

**9.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa numru 08-19**

**9.2.1 *Ilmenti u Suġġerimenti***

Saret referenza għall-minuta 8.6.19 u ġie innutat li fi Triq Begonja kien hemm biss *parking spaces* b'daqs normali. Saret diskussjoni u ġie deċiż li peress li f'dik it-triq hemm skola tan-*nursery*, l-aħħar *parking space* għandha ssir *loading/unloading space* b'ħinijiet bejn is-6.00a.m u s-6.00p.m. Għandha ssir applikazzjoni għall-permess ta' Transport Malta fir-rigward ta' din il-proposta.

**9.2.2 *Kwotazzjonijiet fuq CCTV Cameras***

Is-Sindku irreferit għall-minuta 8.3.2 u qalet li waqt laqgħa li saret ma' uffiċjali tal-Lesa, sar kuntatt mal-kuntrattur li kellu l-orħos offerta fuq CCTV *cameras* kif ukoll garanzija ta' ħames snin. Hija qalet li irriżulta li l-apparat offrut ma kienx kompatibbli ma' l-apparat li għandu l-uffiċċju tal-Lesa minn fejn isir il-monateraġġ. Is-Sindku qalet li ser issir reviżjoni tal-kwotazzjonijiet miġbura biex jiġi aċċertat li l-apparat offrut huwa wieħed kompatibbli.

**9.2.3 *Approvazzjoni tal-Minuti***

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 08-19 ġew approvati mill-Kunsill.

**9.3 Affarijiet Finanzjarji u Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

**9.3.1 *Approvazzjoni għal Ħlas***

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-ħlas għal xogħolijiet li saru mill-Kuntrattur Karmig biex saret manutenzjoni tal-kaptelli fuq il-bankina fi Triq Dawret it-Torri u Triq Prinjoli. Is-Sindku qalet li din l-ispiża ser titħallas minn Infrastructure Malta. Il-Kunsill approva dan il-ħlas li jammonta għas-somma ta' €2497.59.

**9.3.2 Kwotazzjoni għal xiri ta' apparat tal-VR**

Is-Sindku rreferit għall-Iskema SPI 10-2019 Skema Finanzjarja Żvilupp ta' Libreriji Lokali u qalet li l-Kunsill għandu kwotazzjonijiet biex jinxtara apparat ta' VR għall-Librerija Pubblika. Ġie deċiż li jinġiebu tlett kwotazzjonjiet għax-xiri ta' dan l-apparat.

***9.3.3 Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti***

Il-Kunsill approva l-Iskeda ta' Pagamenti numru CM09-20 għall-perjodu bejn il-5 ta' Frar 2020 sat-18 ta' Frar 2020 u minn *cheque* numru BOV 7945 sa *cheque* numru BOV 7987.

**9.4 Rapport Finanzjarju Għas-Sena 2019**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat Rapport Finanzjarji għas-sena 2019. L-*accountant* tal-Kunsill li kienet preżenti għall-laqgħa spjeġat dwar l-*accrued income* u tat *breakdown* tal-ammont ta' fondi li kellu jirċievi l-Kunsill marbuta ma' spejjeż li għamel il-Kunsill fis-sena 2019. Hija spjegat li d-*depreciation charge* kienet tammonta għal €84,060.00 u li din ser tibqa tonqos kull sena. Hija qalet li din is-sena l-Kunsill għalaq is-sena b'*deficit* ta' €16,469. Il-Kunsill iddiskuta dan ir-rapport u għamel xi domandi li għalihom wieġbet l-*accountant* tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li japprova dan ir-rapport Finanzjarju għas-sena 2019.

**9.5 Rapport Finanzjarju tal-aħħar kwart tas-Sena 2019**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat Rapport Finanzjarju tal-aħħar kwart tas-sena 2019. L-*accountant* tal-Kunsill qalet li dan ir-rapport huwa rifless fir-Rapport Finanzjarju li għadu kif iddiskuta l-Kunsill peress li jkopri l-istess perjodu. Il-Kunsill approva dan ir-rapport.

**9.6 Kuntratt PKG 57 – Kwotazzjonijiet għall-Servizz Temporarju**

Il-Kunsill iddiskuta kwotazzjonijiet li nġabru għal servizz temporarju għal manutenzjoni u tisbieħ ta' *landscaped areas* f'Santa Luċija. Is-Sindku qalet li kien hemm żewġ kwotazzjonijiet bl-għola waħda tkun dik ta' €2242.00 fix-xahar u l-orħos waħda kienet tammonta għas-somma ta' €1888.00 fix-xahar. Il-Kunsill qabel li jagħżel l-orħos offerta.

Is-Sindku qalet li qed tistenna konferma minn Infrastructure Malta dwar *green areas* f'Santa Luċija li fihom ser isir xogħol ta' tisbieħ u manutenzjoni għal perjodu ta' tlett snin. Hija rreferit għas-sejħa li ser joħroġ il-Kunsill għal kuntratt fuq tisbieħ u manutenzjoni ta' *landscaped areas* u qalet li dawn il-*green areas* m'għandux jerġa jħallas għalihom il-Kunsill u għandhom jiġu esklużi mill-kuntratt imsemmi.

Il-Kunsilliera Kylie D'Amato qalet li l-Fondazzjoni Right to Smile tixtieq tiżra tletin siġra tal-Ballut u Znuber. Il-Viċi Sindku ippropona li jsir bosk żgħir b'dawn is-siġar fin-naħa t'isfel tal-Lokalita'. Għandha ssir aktar kordinazzjoni dwar din il-proposta.

**9.7 Kommunikazzjonijiet mis-Sindku**

***9.7.1 Immaniġjar tat-traffiku fi Triq Prinjoli***

Is-Sindku infurmat li ser ikun hemm *diversion* fi Triq Prinjoli nhar it-Tlieta, 25 ta' Frar 2020 biex isir xogħol ta' *trenching* mill-Kuntrattur ta' Infrastructure Malta li qed iwettaq xogħolijiet ta' kisi ta' toroq fi Triq Żnuber. Ġie innutat li dan ix-xogħol huwa neċessarju biex issir konnessjoni mal-*main* tal-ilma li għaddej minn Triq Prinjoli.

***9.7.2 Tabelli bl-avviżi f'siti fejn hemm abbuż ta'rimi ta' Skart***

Is-Sindku qalet li qed issir talba minn residenti biex jitwaħħlu avviżi dwar multi dovuti għal min jinqabad joħroġ skart wara li jkun għadda l-kollettur jew joħroġ boroż bi skart mhux fil-ġurnata li suppost jinġabar. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

***9.7.3 Performance Appraisal***

Is-Sindku rreferit għar-riżenja tal-Uffiċjal Eżekuttiv tal-Kunsill u qalet li ser tiġi fis-seħħ fid-29 ta' Frar 2020. Hija qalet li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv qed tipproponi li l-*performance bonus* għall-ewwel xahrejn tas-sena 2020 jinħadem prorata u jkun bir-rata ta' 6 fil-mija. Il-Kunsill approva din il-proposta.

***9.7.4 Ċirkulari AKL 2020 – Earth Hour***

Is-Sindku talbet lill-Kunsillier Terrence Ellul jitkellem fuq din l-nizzjattiva. Is-Sur Ellul qal li minn informazzjoni li għandu l-Kunsill irid jagħmel il-forma ta' 60+ bix-xemgħat fil-Pjazza. Huwa qal li l-Kunsill jistgħa jagħmel aktar xemgħat madwar il-Pjazza. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tinforma l-Kunsill bl-ispiża nvoluta.

***9.7.5 Vetturi għal mobilita' sostenibbli u vetturi li jaħdmu bl-eletriku***

Is-Sindku qalet li minn informazzjoni li għandha jidher li ser joħorġu skema għall-xiri ta' vetturi hawn fuq imsemmija. Hija qalet li l-Kunsill għandu bżonn jixtri vetturi biex il-ħaddiema jkollhom biex iġorru materjal li jużaw fuq xogħol ta' manutenzjoni bħal dak fuq manutenzjoni ta' toroq. Hija qalet li l-Kunsill għandu bżonn ukoll vettura biex fil-lokalita' jkun hemm

mobilita' aħjar għall-anzjani u persuni b'diżabilita'. Is-Sindku ipproponiet li tinxtara vettura waħda li taqdi dawn il-bżonnijiet. Saret diskussjoni u ġie deċiż li l-Kunsill jistenna li joħorġu l-iskemi qabel jieħu deċiżjoni.

**9.7.6** ***Attivita' – Easter Egg Hunt***

Is-Sindku tat aktar informazzjoni dwar l-attivita' tal-Easter Egg Hunt li ser issir fil-11 ta' April 2020. Hija qalet li din l-attivita' ser issir fi Ġnien is-Serenita u ser ikun hemm *entrance fee* ta' €3.00 u l-flus li jinġabru jmorru għall-karita'. Is-Sindku qalet li din l-attivita' tista ssir minn fondi għal proġetti u attivitajiet li joħroġ ir-Reġjun Nofsinhar.

**9.7.7** ***Zuntier tal-Knisja***

Is-Sindku qalet li qed ikollha taħdidiet ma' uffiċjali tal-Gvern dwar il-proġett taz-zuntier tal-Knisja. Hija qalet li ser iżomm il-Kunsill infurmat b'kull żvilupp f'dan ir-rigward.

**9.7.8** ***It-Tieni edizzjoni ta' Young Warriors***

Is-Sindku infurmat li se tkun qed tiġi organizzata edizzjoni oħra ta' Young Warriors. Il-Kunsill qabel li jerġa jipparteċipa bi tfal ta' bejn il-5 u 15 'il sena. Is-Sindku qalet li għandhom jiġu nfurmati l-għaqda tal-Girl Guides u l-Fondazzjoni Right to Smile. Is-Sindku qalet li din l-inizjattiva għandu jiġi nfurat biha l-Kappillan.

**9.7.9** ***Reading Club International***

Is-Sindku infurmat dwar proposta ta' *workshops* li tinvolvi il-librerija pubblika u għandha l-għan li jkun hemm żieda fil-litteratura u l-użu tal libreriji lokali. Ġie deċiż li din l-inizjattiva għandha tiġi kkordinata ma' l-librara tal-librerija pubblika ta' Santa Luċija.

**9.7.10** ***Keep fit Classes***

Is-Sindku ressqet proposta biex jiġu organizzati *keepfit classes* għar-residenti mingħajr ħlas. Hija qalet li dawn ser isiru fi Ġnien is-Serenita' u jinkludu tnax il-sezzjoni. Is-Sindku qalet li l-ispiża nvoluta hija ta' €360.00. Hija qalet li l-Kunsill jiġbor din l-ispiża taħt l-iskema ta' l-attivitajiet sportivi. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

**9.7.11** ***Arblu fi Pjazza 7 ta' Lulju***

Is-Sindku rreferit għal arblu li hemm fi Pjazza 7 ta' Lulju li jinsab fi stat perikoluż. Hija qalet li skond il-kuntrattur tal-Kunsill hemm problema biex jinqala dan l-arblu. Il-Viċi Sindku qal li dawn it-tip ta' abli kienu saru mill-

*garage* tal-Gvern meta sar il-proġett tal-pjazza. Huwa nkariga ruħhu li jistaqsi jekk hux possibli li jsir wieħed bħalu mill-istess garage tal-Gvern.

**9.7.12** ***Manutenzjoni ta' gutter fi Triq Pensjeri***

Is-Sindku qalet li ser tkun qed tkellem il-Kuntrattur tal-Kunsill dwar manutenzjoni ta' *gutter* fi Triq Pensjeri peress li dan mhux qed ikun effettiv. Hija qalet li ser tkun qed tinforma l-Kunsill bl-ispiża nvoluta.

**9.8 SLLC SL(57-20-01) – Offerta ta' Servizz Għall-Provvediment u Manutenzjoni ta' Dawl tat-Toroq – Kumitat ta' Evalwazzjoni**

Is-Sindku ipproponiet li l-Kumitat ta' Evalwazzjoni fuq is-sejħa hawn fuq imsemmija ikun magħmul kif ġej:

Chairperson: Frederick Cutajar
Segretarju: Caroline Silvio
Evalwaturi: Charmaine St John, Terrence Ellul u Kylie D'Amato

Il-Kunsill approva din il-proposta.

**9.9 SLLC DPO(57-02-02) Offerta ta' Servizz ta' Data Protection Officer – Kumitat ta' Evalwazzjoni**

Is-Sindku ipproponiet li l-Kumitat ta' Evalwazzjoni fuq is-sejħa hawn fuq imsemmija ikun magħmul kif ġej:

Chairperson: Charmaine St John
Segretarju: Caroline Silvio
Evalwaturi: Frederick Cutajar, Terrence Ellul u Liam Sciberras

Il-Kunsill approva din il-proposta

**9.10 SLLC CM(57-19-07) Servizz Professjonali ta' Contract Manager – Rapport ta' Evalwazzjoni**

Is-Sindku qalet li dan ir-rapport ser jitressaq fil-laqgħa li jmiss għax l-evalwazzjoni għada mhix konkluża.

**9.11 Santa Luċija PC0089/19 – Proposta ta' Żvilupp**

Il-Kunsill iddiskuta fit-tul l-applikazzjoni hawn fuq imsemmija. Fil-kummenti tiegħu l-Kunsill qal li dan l-ispazju għandu jibqa jitgawda mir-residenti. Il-Kunsill qabel li għandha tintbagħt ir-reazzjoni tal-Kunsill lill-Awtoritajiet fejn il-Kunsill jinforma li qed jikkunsidra jagħmel żewġ *parking spaces* fil-bankina fuq is-sit propost.

**9.12 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

**9.12.1 Mistoqsija tal-Kunsillier Liam Sciberras**

Il-Kunsillier Liam Sciberras irrefera għall-iskema LC Care – Kura tal-annimali fil-Kommunita' u staqsa jekk kienux waslu xi fondi taħt din l-iskema.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ġie iffirmat il-ftehim iżda l-Kunsill għadu ma ħa l-ebda fondi. Hija qalet li għanda ssir referenza għad-dokument tal-ftehim biex il-Kunsill jara kif ser jipproċedi. Ġie nutat li l-Kunsill għandu żmien ta' sena biex iwettaq dan il-proġett.

**9.13 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss**

Il-laqgħa intemmet fis-7.30p.m. Il-Laqgħa li jmiss ser issir nhar l-Erbgħa, 25 ta' Marzu 2020 fil-5.30p.m.

**Konfermati, illum il-__________, __ ta' ____________ 2020**

| | |
|---|---|
| **Iffirmat** | **Iffirmat** |
| **Charmaine St John**<br>**Sindku** | **Caroline Silvio**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |